KUNSILL LOKALI **SLIEMA** LOCAL COUNCIL

**Ref: Seduta 47_17-06-09 V**

# MINUTI TAS-SEBGĦA U ERBGĦIN SEDUTA

**Is-sebgħa u erbgħin seduta** tal-Ħames Kunsill Lokali ta' Sliema nżammet nhar **l-Erbgħa, 17 ta' Ġunju, 2009** fl-Uffiċċji Amministrattivi, fi Triq Depiro, Sliema.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | **Marina Arrigo** |
| **Kunsilliera:** | **Marianne Aquilina**<br>**Nikki Dimech**<br>**Julian Galea**<br>**Luke Vella** |
| **Skużati:** | **Albert Bonello Dupuis**<br>**Margaret A. Azzopardi**<br>**Michael Briguglio**<br>**Martin Debono** |
| **Segretarju Eżekuttiv:** | **Josef Grech**<br>**Stefania Friggieri** |

Is-seduta bdiet fil-17:30 b'din l-agenda:

1. Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti tas-seduti 46_20/05/09
2. Materji konnessi mal-minuti
3. Korrispondenza u komunikazzjonijiet mis-sindku/segretarju eżekuttiv
4. Mistoqsijiet mill-kunsilliera
5. Approvazzjoni tal-pagamenti
6. Affarijiet Oħra

## 1. Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti tas-seduti 46_20/05/09.

Il-kunsillier L. Vella ippropona li jiġu approvati l-minuti tas-seduta 46_20/05/09, il-kunsilliera M. Aquilina issekondat. Is-sindku M. Arrigo, il-kunsilliera N. Dimech u J. Galea approvaw il-minuti b'mod unanimu fost il-kunsilliera preżenti.



Sliema Local Council Depiro Street Sliema SLM 2037 - Malta Tel: (+356) 2133 7633 Fax: (+356) 2134 5333 Email: sliema.lc@gov.mt

www.sliema-malta.com

## 2. Materji konnessi mal-minuti

2.1 Il-kunsillier J. Galea irrefera għal proġett tas-*Sliema Playing Fields*. Is-segretarju eżekuttiv kien diġa ta' spjegazzjoni li l-kunsill ippreżenta l-pjanta bil-perit tal-kunsill filwaqt li informa wkoll li l-applikazzjoni li ġiet issottometta lid-Direttur tal-Gvern Lokali sabiex jinbeda l-proċess għad-devoluzzjoni u hemm proċess sħiħ min-naħa tad-Dipartiment.

## 3. Korrispondenza u komunikazzjonijiet mis-Sindku/Segretarju Eżekuttiv

3.1 Is-sindku M. Arrigo irreferiet għal kumment li intqal minn kunsillier, li l-kunsill ma għandux permessi għal parkeġġ ta' żona residenzjali fl-area tax-Xatt u Tigne. Is-sindku M. Arrigo talbet biex darba oħra l-informazzjoni tingħata b'mod korett għaliex il-kunsill għandu permess għal dan fejn filfatt ippreżentat id-dokumenti neċessarji.

3.2 Is-sindku rreferiet għat-talba mil-Plaza biex titwaħħal *banner* bħal dik li twaħħlet fi Triq Manwel Dimech. Il-kunsill ma kienx ta' permess bħas-soltu, minħabba li meta s-sindku staqsiet lill-viċi sindku, ikkonferma li kien hemm deċiżjoni mil-kunsill li ma jingħatgħux permessi ħlief għas-Slimiżi. Għalkemm is-sindku qalet li ma nstabet ebda deċiżjoni dwar dan fil-minuti. Għalkemm dan il-każ ġie solvut għaliex waħħlu l-*banner* fuq il-faċċata tagħhom, min-naħa l-oħra l-kunsill irid jara li jkun hemm proċedura waħda għal kulħadd fejn ma jinħoloq l-ebda preċedent. Il-kunsilliera preżenti qablu li dan il-kunsill m'għandux jieħu deċiżjoni bħal din fl-aħħar seduta ta' din il-leġislattura b'hekk se titħalla għal kunsill li jmiss.

3.3 Korrispondenza mill-*Active Enterprises* dwar il-*barriers* li kienu nqalgħu minn Triq it-Torri għaliex ma jarawx il-punt għalfejn ma jistgħux jergħu jitpoġġew fejn kienu. Il-kunsill kien diġa infurmhom li ma jsibx oġġezzjoni li jerġgħu jitpoġġew diment li jkollhom il-permessi kollha neċessarji.

3.4 Is-segretarju eżekuttiv irrefera għall-ittra li rċevejna mill-MEPA rigward *statement of funds* li l-ammonti ta' flus li hemm għal Tas-Sliema huma kif ġej: (EIPP Euro 123,172, UIF Euro 20,754,72 u CPPS Euro 3,014,677). Dan id-dokument għandu jintbgħat lill-kunsilliera l-ġodda għal *follow up*.

3.5 Dwar il-korrispondenza mill-ADT dwar it-tibdil ta' parkeġġ fi Triq San Vinċenz, il-kunsill qabel li għandu jibgħat ittra lir-residenti ta' Triq San Vinċenz fejn jagħtu l-opinjoni tagħhom għandiex tinqaleb in-naħa tal-parkeġġ jew le. L-ittri validi għandhom ikunu kollha iffirmati u bin-numru tal-karta ta' l-identita'.

3.6 Il-kunsill ma' qabilx mal-proposta li offrew *SKY telecom*.

3.7 Is-segretarju eżekuttiv irrefera għas-suġġeriment li kienu għamlu r-residenti biex jibdew jirċievu l-informazzjoni b-*email* permezz tal-*website*, fejn l-istima minn *Cyberspace* hija Euro 560 + VAT. Għal darb'oħra l-kunsill qabel li deċiżjonijiet bħal dawn għandhom jittieħdu mil-kunsill li jmiss.

3.8 Is-sindku M. Arrigo, il-kunsilliera M. Aquilina, N. Dimech, J. Galea u L. Vella qablu unanimament li *reserved parking* tingħata fi Triq San Ġaċintu bir-referenza 144. Min-naħa l-oħra l-kunsilliera preżenti qablu li ma għandhomx jingħataw *reserved parking* kemm fi Triq Manwel Dimech bir-referenza (143) kif ukoll fi Triq Freres bir-referenza (145).

3.9 Il-kunsill ma' laqax it-talba tal-kumpanija *Boconcept* fejn talbu biex jarmaw għamara fi Pjazza Sant'Anna.

3.10 Korrispondenza mill-Assoċjazzjoni tal-kunsilli lokali dwar patt tas-sindki (*covenant of mayors).* Il-kunsilliera preżenti qablu li din id-deċiżjoni għandha tittieħed mill-kunsill li jmiss.

3.11 Is-segretarju eżekuttiv irrefera għal każ ta' waħda mill-impjegati tal-kunsill fejn ilha bir-*reduced hours (full timer)* għal madwar ħames snin. Il-kunsill għandu jara x'deċiżjoni għandu jieħu dwar dan il-każ minħabba li fil-kotba tal-kunsill qiegħed jidher li qegħdin ħames *fulltimers.* Il-kunsill qabel li dan għandu jarah il-kunsill li jmiss.

3.12 Il-kunsill ma' sab l-ebda oġġezzjoni għat-talba ta' l-Universita ta' Malta biex isir *jumble sale* f'Għar id-dud fl-1 ta' Awissu, 2009.

3.13 Is-segretarju eżekuttiv irrefera għal memo 37/2009 li irċieva mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali li l-kunsill m'għandux jitlob garanzija bankarja fuq xogħlijiet ta' żvilupp għaliex din diġa tinżamm mil-MEPA. Il-kunsill ma' qabilx ma dan għaliex ir-responsabilta tat-toroq taqa' taħt il-kunsill. Il-kunsill qabel li għandu jibda jiltaqa b'mod regolari ma' uffiċjali tal-MEPA responsabbli mil-infurzar.

3.14 Talba mis-sur Daniel Coppini sabiex issir attivita' promozzjonali fil-*promenade* Għar id-dud ħdejn ir-*road devil's kiosk.* Il-kunsill ma' sab l-ebda oġġezzjoni li ssir din l-attivita skond l-avviż legali 119/2002 dwar l-attivitajiet fil-beraħ.

3.15 Talba mis-sid tas-*savoy petrol station* sabiex isiru marki sofor fit-toroq għal quddiem l-entratura tal-garaxx. Il-kunsill ġie infurmat li kien hemm kwistjoni bejn is-sid u waħda mir-residenti li ġiet tilmenta iżda l-kunsill ma jidħolx f'kwistjoni interna. Madankollu l-kunsill talab għal permessi neċessarji u ġew provduti. Il-kunsill qabel li l-linji jistgħu jsiru.

3.16 Talba mis-sur Martin Morana għall-attivita bil-banda Norveġiża għal nhar l-24 ta' Ġunju quddiem il-Fortizza. Il-kunsill ma' sab l-ebda oġġezzjoni għal din l-attivita.

3.17 Is-segretarju eżekuttiv irrefera għal ħafna ilmenti dwar is-servizz tal-ġbir ta' l-iskart, fejn qal li dawn intbagħtu bil-miktub lill-kuntrattur tat-Transline. Is-sindku M. Arrigo, il-kunsilliera M. Aquilina, N. Dimech, J. Galea u L. Vella qablu li mil-kont tax-xahar li jmiss għandu jitnaqqas 15%. Is-segretarju eżekuttiv informa li diġa beda jaħdem fuq il-kuntratt ta' l-iskart li huwa wieħed intensiv, fejn għandu jiġi riferut lill-kunsilliera l-ġodda sabiex meta l-kuntratt preżenti jintemm f'Settembru li ġej, ikun jista jibda l-kuntrattur il-ġdid mill-ewwel.

3.18 Il-kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni għat-talba minn Nika Meskhi biex isir *filming* f'Tas-Sliema bejn l-10 ta' Lulju u 17 ta' Lulju, 2009.

**4. Mistoqsijiet mil-kunsilliera**

Ma kienx hemm aktar mistoqsijiet.

**5. Approvazzjoni tal-pagamenti**

5.1 Kien hemm korrezzjoni li ċekk numru 10379 sar 10400 f'isem J. F. Mallia Ltd u ċekk numru 10356 sar 10399 f'isem ITS Ltd. Dawn se jinsabu fil-*grey area* tas-sedua li jmiss.

5.4 Is-sindku M. Arrigo pproponiet l-iskeda tal-pagamenti minn ċekk numru 10331 sa 10396. Il-kunsillier N. Dimech issekonda filwaqt li l-kunsilliera preżenti, M. Aquilina, J. Galea u L. Vella approvaw il-pagamenti emendati b'mod unanimu.

**6. Affarijiet Oħra**

Ma kien hemm ebda affarijiet oħra.

Is-seduta ntemmet fis-6.35pm. Seduta oħra ġiet imsejħa għall-approvazzjoni tal-minuti biss nhar l-Erbgħa 24 ta' Ġunju, 2009 fl-4.30pm.

**Marina Arrigo**
**Sindku**

**Josef Grech**
**Segretarju Eżekuttiv**